MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 1015/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud, Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**Vs**

**Omar Osmar Omar**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omar Osman Omar ta’ 25 sena, bin Osman u Phillistin Ahmed, imwieled Afugeja (Mogadishu, Somalia) fis-sena 1979, residenti fil-fond numru 51, Triq l-Isptar, Valletta, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru mhux maghruf

Talli minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta Omar Osman Omar f’perikolu car, jew igibilha disordni f’mohhha ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’

Omar Osman Omar skond ma ccertifika t-tabib Dr S Zammit MD, tad-Dipartimanent tal-Kura Primarja, San Luqa, liema persuna hija taht l-eta’ ta’ disa’ snin.

Aktar talli minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta’ Omar Osman Omar f’perikolu car, jew igibilha disordni f’mohhha, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Omar Osman Omar skond ma ccertifika t-tabib Dr S Zammit MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, San Luqa.

Minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta’ Shukri Mire f’perikolu car, jew igibilha disordni f’mohhha, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fqu il-persuni ta’ Omar Osman Omar skond ma ccertifika t-tabib Dr C Spiteri MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, San Luqa.

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jqieghed il-hajja ta Luula Muhammed Hasan f’perikolu car, jew igibilha disordni f’mohhha, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Luula Muhammed Hasan wera dan il-hsieb b’atti esterni billi ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Ukoll talli fl-istess post u data, hin u cirkostanzi minghajr darab jew sawwat, hedded billi qabad arma regolari li taqta’ u bil-ponta (sikkiena) kontra Luula Muhammed Hasan u dan bi ksur tal-artikolu 339(1(c)) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat, u strobju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza.

Rat l-Artikoli 216, 221, 222, 338 u 339 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta, illi ma kien hemm ebda feriti gravi, sofferti mill-vittmi u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel akkuza ma gietx ippruvata. Barra minn hekk, kif ittrattat tajjeb id-difiza, it-tielet akkuza lanqas ma tirrizulta ppruvata, u dan peress illi jidher li sar zball fl-istess akkuza f'isem il-vittma.

Illi l-Qorti izda, hija tal-fehma li l-akkuza l-ohra kollha gew ippruvati, u l-imputat imissu jifhem li kellu xorti tajba hafna li l-vittmi tal-agressjoni tieghu, ma sofrewx griehi izjed gravi milli fil-fatt soffrew.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, warali rat l-Artikolu imsemmija, tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet akkuza, filwaqt li ssibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tikkundanna lill-istess imputat ghal perjodu ta' prigunerija ta' disa' xhur, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas dak iz-zmien li l-imputat diga' ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti inoltre tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs, sabiex lill-imputat jigi pprovdut servizz ta' terapija mill-abbuz tal-alkohol mill-Agenzija Sedqa jew mis-servizzi tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva, u lill-Agenzija Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------